Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 611 / 2016

Il-Pulizja

Vs

Tarek Khodir

Illum 14 ta' Dicembru, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Tarek Khodir detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 17395 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Matul il-lejl ta` bejn it-03 t` Ottubru, 2016 u l-04 t` Ottubru, 2016 minn gewwa 'Cafe De Republic', li jinsab fi Triq Il-Kbira San Guzepp, Hamrun, flimkien ma persuni ohra ikkommetta serq ta` sigaretti li l-valur taghhom jammonta ghal € 2,831, kif ukoll € 800 fi flus kontanti, ghad-detriment ta` Jonathan Pellegrini detentur ta` karta tal-identita` b` numru 173587 (M) u / jew persuni u / jew entitatjiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-'mezz', 'bil-hin, u bil-'valur' li jiskorri l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (2,329.37 ewro).

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-ammont ta` elfejn u hames mitt euro (€ 2,500), u saret ghad-dannu ta` British American Tobacco u / jew ta` xi persuna / i w / jew ta` xi entita` u / jew entitajiet ohra.

U talli matul il-lejl ta` bejn is-17 ta` Novembru, 2016 u t-18 ta` Novembru, 2016 minn gewwa 'Mill Snack Bar', li jinsab fi Triq Leli Falzon, Naxxar, flimkien ma persuni ohra ikkommetta serq ta` sigaretti li l-valur taghhom jammonta ghal € 2,975.76, kif ukoll € 70 fi flus kontanti, ghad-detriment ta` Christopher Micallef detentur ta` karta tal-identita` b` numru 181891 (M) u / jew persuni u / jew entitatjiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-'mezz', 'bil-hin', u bil-'valur' li jiskorri l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€ 2,329.37).

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-ammont ta` elfejn u hames mitt euro (€ 2,500), u saret ghad-dannu ta` British American Tobacco u / jew ta` xi persuna / i w / jew ta` xi entita` u / jew entitajiet ohra.

U aktar talli ghamel reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta` liberta` kkundizzjonata, liema sentenza saret definittiva mill-Magistrat Dr. I. Farrugia LL.D. nhar it-12 ta` April 2016.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-1 ta' Dicembru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 261 (b) (c) (f), 263, 270, 279 (b) u 325 (1) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni mill-istess imputat wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, sabet lill-imputat Tarek Khodir hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u

stante ammissjoni bikrija bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin u ghall-hames (5) akkuza kif dedotta kontrih iddikjarat illi s-sentenza hemm indikata terga' tibda tiskorri mill-gdid.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 28 H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat Tarek Khodir ihallas is-somma ta' elfejn, seba' mija u tnejn u tletin Ewro (€ 2,732) fi zmien sitt xhur mill-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Dicembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn, fuq ammissjoni tieghu stess, sabet lill-appellat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha fil-konfront tieghu; u thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta tinfliggi piena idoneja u gusta skont il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji li jikkonsistu fis-segwenti:

Illi fis-sitta (6) ta' Dicembru, 2016, ai termini tal-artikolu 392 A tal-Kodici Kriminali, l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b' mod car u manifest hekk kif ser jigi spjegat aktar 'Il quddiem f' dan ir-rikors;

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti erogat piena illi fil-kwantità u fil-kwalità taghha hija differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reati li dwarhom l-appellat instab hati fuq ammissjoni tieghu stess;

Illi hekk kif l-esponent diga' spjega aktar 'il fuq, l-appellat instab hati, inter alia, ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi s-somma ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

Illi l-piena applikabbli ghar-reat ta' serq hekk ikkwalifikat hija l-piena ta' prigunerija ghall-zmien ta' mhux inqas minn tmintax (18)-il xahar u mhux iktar minn tmien (8) snin u dan bl-applikazzjoni tal-provisio tal-artikolu 280 (2) flimkien mal-artikolu 279 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-artikolu 279 (b) jipprovdi illi:

> Il-hati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jehel —
>
> (b) jekk il-valur tal-haga misruqa jkun izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin:

Illi di piu, l-artikolu 280 (2) jipprovdi illi:

> Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"valur", ikun akkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-"vjolenza" jew tal-"mezz" jew bit-tnejn, ghandha tinghata l-piena li hemm ghas-serq akkumpanjat b' dawk il-kwalifiki:
>
> Izda, jekk din il-piena tkun anqas mil-pieni msemmija fl-ahhar artikolu qabel dan, ghandhom jinghataw dawn l-ahhar pieni mizjuda bi grad.[1]

[1] Sottolinear tal-esponent

Illi l-piena li tista' tinghata ghas-serq akkumpanjat bil-kwalifika tal-mezz hija inqas mill-piena msemmija fl-artikolu 279 (b) u ghaldaqstant, skont il-provisio tal-artikolu 280 (2), ghandha tinghata l-piena msemmija fl-artikolu 279 (b) mizjuda bi grad;

Illi ghaldaqstant il-piena ghas-serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi s-somma ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centenzmu ( € 2,329.37 ) hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tmintax (18)-il xahar u mhux iktar minn tmien (8) snin;

Illi in oltre, l-appellat instab hati wkoll ta' hsara volontarja li tiskorri l-elfejn u hames mitt ewro ( € 2,500 ) u l-piena applikabbli ghal dan ir-reat hija l-piena ta' prigunerija minn tmintax (18)-il xahar sa erba' (4) snin u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 325 (1) (a) tal-Kapitolu 9 taI-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-artikolu 325 (1) (a) jipprovdi illi:

> Kull min, b' mezzi xort' ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dan is-sub-titolu, volontarjament ihassar jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, jehel, meta jinsab hati —
>
> (a) jekk l-ammont tal-hsara ikun izjed minn elfejn u hames mitt euro ( € 2,500), il-piena to' prigunerija minn tmintax-il xahar sa erba' snin;

Illi fil-kaz odjern, l-appellat instab hati, wara ammissjoni tieghu stess, talli kkommetta serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin, kif ukoll ta' hsara volontarja, mhux biss f' okkazjoni wahda izda f' zewg okkazjonijiet differenti;

Illi fir-rigward tal-ewwel erba' imputazzjonijiet li taghhom l-appellat instab hati, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-piena minima li l-Ewwel Qorti setghet timponi kienet dik ta' mhux inqas minn tliet (3) snin prigunerija, u ghaldaqstant il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' sentejn (2) prigunerija (sospizi) hija piena taht il-minimu preskritt mill-ligi. Dan qieghed

jinghad ukoll konsiderando l-fatt li fis-sentenza tal-Ewwel Qorti ma saret l-ebda referenza ghal xi artikolu tal-ligi li abbazi tieghu setghet tinfligi l-piena ta' sentejn (2) prigunerija, u lanqas ma semmiet xi ragunijiet specjali u straordinarji kif jirrekjedi l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tkun tista' tinzel taht il-minimu tal-piena preskritta mill-ligi;

Illi in oltre, fid-dawl tal-fatt li l-Ewwel Qorti ma setghetx timponi piena ta' prigunerija inqas minn tliet (3) snin, ai termini l-artikolu 28 A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti b' hekk lanqas ma setghet timponi sentenza ta' prigunerija sospiza stante li dan l-artikolu jipprovdi li sentenza sospiza tista' tinghata biss fil-kaz ta' sentenza ta' prigunerija ta' mhux izjed minn sentejn;

Illi di piu s-sentenza sospiza mhux biss ma setghetx tinghata fid-dawl ta' dak li jinghad fl-artikolu 28 A (1) tal-Kapitolu 9, izda ma setghetx tinghata wkoll minhabba l-fatt li l-appellat instab hati talli wettaq diversi reati punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv tal-liberazzjoni kondizzjonata moghtija permezz tas-sentenza tal-Magistrat Dr Ian Farrugia LL.D. fit-12 ta' April, 2016, u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 A (7) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

> Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f' xi wiehed mill-kazijiet li gejjin -
>
> (c) <u>meta r-reat ikun sar fil-perjodu</u> ta' probation jew <u>ta' liberazzjoni taht kondizzjoni</u> skont l-Att dwar il-Probation.[2]

Illi fir-rigward tal-hames imputazzjoni, u cioe talli l-appellat wettaq reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata li nghatat permezz ta' sentenza li saret definittiva mill-Magistrat Dr Ian Farrugia LLD. fit-12 ta' April, 2016 (hekk kif jirrizulta mill-fedina penali tal-appellat li tinsab a fol 8 et seq), l-Ewwel Qorti sabet lill-appellat hati, wara ammissjoni tieghu stess, u ddikjarat illi s-sentenza hawn fuq imsemmija terga' tibda tiskorri mill-gdid;

---

[2] Sottolinear tal-esponent.

Illi skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 23 (1) (a) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista tal-fatt li kien hemm dikjarazzjoni ta' htija dwar diversi reati kommessi matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, l-Ewwel Qorti kellha l-obbligu li tittratta lill-appellat ghar-reati li dwarhom kien sar l-ordni ghal-liberazzjoni kondizzjonata b' kull mod li tista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dawk ir-reati;

Illi l-artikolu 23 (1) (a) jipprovdi illi:

23. (1) Jekk persuna li fil-kaz taghha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentament tinhareg fir-rigward taghha dikjarazzjoni ta' htija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti -

(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunita, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b' kull mod li tista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat.[3]

Illi fir-rigward tal-interpretazzjoni li ghandha tinghata lil kelma 'tista' fl-artikolu 23 (1) hawn fuq citat, l-esponent jaghmel referenza ghal diversi sentenzi li nghataw minn din l-Onorabbli Qorti fosthom is-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Andrew Buhagiar fis-16 ta' Gunju, 1999 li taghmel referenza ghall-artikolu 10 (1) tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Kapitolu gie sostitwit bil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenza ddikjarat illi:

---

[3] Sottolinear tal-esponent.

"L-uzu tal-kelma sottolineata "tista" — "may" fit-test Ingliz tal-Ligi —ma jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista' tittratta ma' dik il-persuna u tista' ma tittrattax maghha, kif donnu ried, ifisser l-abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilità li dik il-Qorti taghzel li ma tittrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma "tista" f' dan il-kuntest tfisser biss li dik il-Qorti jkollha s-setgha li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-Qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma "tista" fl-espressjoni "tista' tittratta ma' dik il-persuna" tfisser li l-Qorti li tkun ghandha tittratta ma' dik il-persuna."

Illi di piu s-sentenza moghtija fl-14 ta' Settembru, 2011 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Duranovic Coreschi ddikjarat ukoll illi:

"Din il-Qorti hi tal-fehma li din l-interpretazzJoni hija korretta u tapplika ghall-artikolu 23 (1) tal-Kap. 446, liema artikolu huwa sostonzjalment simili ghall-artikolu 10 (1) tal-Kap. 152. Din il-Qorti zzid tghid illi ma tistax tinghata interpretazzjoni differenti anke ghas-segwenti raguni. Meta persuna tinsab hatja dwar reat, il-Qorti m' ghandhiex ghazla hlief li tittratta ma' dik il-persuna skont il-ligi ghal tali sejbien ta' htija, u certament m' ghandhiex ghazla tittrattax mieghu jew le. Skont id-dicitura fl-artikolu 23 (1) (a), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b' kull mod li tista' (fit-test Ingliz "could") tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti); u skont dik ta' l-artikolu 23 (1) (b), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b' kuIl mod li setghet (fit-test Ingliz "could") tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti). F' kaz ta' kommissjoni ta' reat matul perjodu ta' probation, mela, il-legislatur qieghed johloq finzjoni legali li l-hati jkun ghadu kemm gie misjub

hati tar-reat / i li dwaru / hom ikun tqieghed taht probation. La darba jkun "ghadu kemm gie misjub hati", huwa mistenni li l-Qorti tittratta mal-hati ghal tali sejbien ta' htija billi taghti l-piena applikabbli ghall-kaz, jigifieri, kif intqal fis-sentenzi pretitati, ghandha s-setgha li tittratta mal-hati bl-istess mod daqs li kieku ghadu kemm gie misjub hati. Konsegwentement anke dan l-ilment huwa michud."

Illi fil-kaz odjern, l-Ewwel Qorti ghazlet li tittratta mal-hati dwar ir-reati li dwarhom kien sar l-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata fit-12 ta' April, 2016 billi tordna li s-sentenza tat-12 ta' April, 2016 terga' tibda tiskorri mill-gdid. Fi kliem iehor, l-Ewwel Qorti ordnat li l-perjodu tal-liberazzjoni kondizzjonata, li filkaz de quo kien ta' tliet (3) snin, ghandu jerga' jibda jiddekorri mill-gdid, liema ordni jammonta ghal estensjoni tal-perjodu tal-liberazzjoni kondizzjonata originali;

Illi ai termini tal-artikolu 23 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tigi trattata ghar-reat li dwaru tkun giet kondizzjonalment liberata, sakemm ir-reat ma jkunx wiehed li jaqa' taht l-artikolu 23 (3) tal-istess Kapitolu, il-Qorti ma tkunx tista' terga' taghmel ordni ghal-liberazzjoni kondizzjonata fir-rigward ta' dan ir-reat;

Illi l-artikolu 23 (2) u (3) jipprovdu illi:

(2) Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subortikolu (3), meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht probation b' ordni ta' servizz fil-komunità, jew b' ordni ta' probation u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, <u>il-Qorti ma tkunx tista' </u>tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew <u>taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22 (1)</u>.[4]

(3) Is-subartikolu (2) m' ghandux japplika meta r-reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni

[4] Sottolinear tal-esponent

kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tigi dikjarata hatja, jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt to' omicidju nvoluntarju, jew offizaa involontarja fuq il-persuna, jew hsara involontorja fuq il-proprjetà.

Illi fil-kaz odjern, meta l-Ewwel Qorti ordnat li l-perjodu originali tal-liberazzjoni kondizzjonata ghandu jerga' jibda jiddekorri mill-gdid, dan ifisser li l-Qorti kienet qeghda tittratta mal-hati billi terga' taghmel ordni ghal-liberazzjoni kondizzjonata, ordni li ai termini tal-artikolu 23 (2) ma jistax isir. Dan qieghed jinghad ukoll konsiderando l-fatt li r-reati maghmula matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata ma jikkwalifikawx bhala kontravvenzjonijiet, delitti ta' omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna jew hsara involontarja fuq il-proprjetà ai termini tal-artikolu 23 (3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fuq citat u kwindi l-artikolu 23 (3) tal-Kapitolu 446 ma jistax jintuza fil-kaz odjern sabiex terga' tinghata liberazzjoni kondizzjonata lill-hati;

Illi in vista ta' dak suespost, fil-fehma tal-esponent isegwi illi galadarba fuq ammisjoni tal-istess appellat, Tarek Khodir instab hati talli wettaq numru ta' reati waqt il-perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha l-obbligu li titratta mal-hati dwar ir-reati li dwarhom kien sar l-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata fit-12 ta' April 2016 billi tinfliggi l-piena applikabbli ghar-reati li taghhom kien instab hati fit-12 ta' April 2016;

Ikkunsidrat;

Illi dan huwa appell mressaq mill-Avukat Generali bil-lanjanza unika u ewlenija illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx fix-xorta u il-kwalita taghha dik ikkontemplata fil-ligi. Jilmenta l-Avukat Generali illi il-piena ghar-reat tas-serq aggravat bl-mezz, hin u valur tizboq dik ta' sentejn prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti oltre ghal fatt illi lanqas setghet l-Ewwel Qorti tapplika l-provvedimenti ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminal ghal piena minnha imposta billi ir-reati li dwarhom

l-appellat gie misjub hati gew komessi fil-perijodu tal-liberazzjoni taht kondizzjoni imposta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-12 ta' April 2016. Di piu' jishaq illi b'referenza ghas-sejbien ta' htija ghal hames imputazzjoni, l-Ewwel Qorti kellha titratta mal-hati daqslikieku kien ghadu kemm gie misjub hati minnha ghar-reat addebitati fis-sentenza tat-12 ta' April 2016, f'liema kaz hija tkun prekluza b'applikazzjoni ta'l-artikolu 23(2) tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta milli testendi il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata kif fil-fatt ghamlet.

Illi ibda biex din il-Qorti tistqarr minnufih illi l-Avukat Generali ma ghandux ragun fl-ewwel lanjanza minnu ventilata. Dan ghaliex il-piena erogata ta' sentejn prigunerija taqa' sewwasew fil-paramatri dettati fil-ligi. Illi ghar-reat tas-serq aggravat bil-valur, hin u mezz, kif gustament jispecifika l-Avukat Generali fir-rikors tieghu ta'l-appell, il-minimu applikabbli huwa dak ta' tmintax-il xahar prigunerija. Issa l-appellat gie misjub hati ta' zewg serqiet li sehhew f'zewg okkazzjonijiet separati bl-istess aggravanti. Dan ifisser illi b'applikazzjoni ta'l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali mat-terminu ta' 18-il xahar prigunerija kellhom jizdiedu terz minn dak iz-zmien u cioe' dik ta' sitt xhur ohra ta' prigunerija li iwasslu flimkien ghal perijodu ta' sewwasew sentejn habs. Illi imbaghad fir-rigward ta'l-akkuzi l-ohra tal-hsara volontarju, ammess mill-appellat u misjub hati ukoll ta'l-istess, kien hemm l-applikazzjoni ta'l-artiklu 17(h) tal-Kap.9, bl-erogazzjoni allura tal-piena biss ghar-reat tas-serq.

Imfassal allura iz-zmien fil-minimu tieghu li l-Ewwel Qorti setghet timponi bhala piena ta' habs ghar-reati addebitati lill-appellat, kellu jigi mistharreg jekk dan il-perijodu ta' prigunerija setax jigi sospiz fit-termini ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Jirrizuta mill-atti u anke ammess mill-appellat illi ir-reati li dwarhom kienet qed tinstab htija gew kommessi fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, b'dan ghalhekk illi hawnhekk l-Avukat Generali ghandu ragun fit-tieni lanjanza imressqa minnu. Dan ifisser illi bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 28(7)(c) tal-Kodici Kriminali, l-Ewwel Qort kienet prekluza milli tapplika il-provvedimenti ta'l-artikolu

28A għall-appellat imputat quddiemha. Mhux biss izda l-Avukat Generali ghandu ragun ukoll meta isostni illi l-Ewwel Qorti kellha titratta mal-hati ghal ksur tal-Ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata imposta fuqu bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-12 ta' April 2016 billi kienet prekluza milli testendi l-peridjou ta' liberazzjoni kondizzjonata minn dak dispost fl-artikolu 23(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Maghdud dan, din il-Qorti, fuq talba ta'l-appellat innominat Ufficjal tal-Probation sabiex ihejji *pre-sentencing report* u dan bil-ghan li jigi stabbilit jekk huwa jistax jibbenifika minn sanzjoni komunitarja minflok dik ta' piena effettiva ta' prigunerija, stabbilit kif inghad li l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ma setax isib applikazzjoni fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti fliet ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Cherisse Boffa u ix-xhieda minnha moghtija fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2017. Illi fir-rakkomandazzjoni maghmula minnha l-Ufficjal tal-Probation kienet tal-fehma illi ghandha tinhareg Ordni ta' Probation u Servizz skont l-artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta'l-appellat fejn l-element ta' Probation ikun dak ta' sentejn filwaqt li l-element ta' xoghol ikun dak ta' mitt siegha. L-istess Ufficjal izda kellha preokupazzjoni fis-sens illi meta hejjiet ir-rapport taghha l-appellat kien instab li kien pozittiv ghas-sustanza tal-kannabis meta gie amministra lilu test tal-urina. Ghalhekk tallbet aktar zmien sabiex ikunu jistghu isiru aktar testijiet biex jigi accertat li l-appellat mhux qed jaghmel uzu minn sustanzi illeciti qabel ma jinhareg dana l-Ordni. Illi fix-xhieda taghha tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2017, wara li giet moghtija iktar zmien kif mitlub, l-Ufficjal tal-Probation irrappurtat hekk:

***"Bazikament fl-ahhar seduta fit-13 ta' Lulju 2017 sal-prezent kont requested biex naghmillu s-supervision tat-testijiet ta' l-urina, Tarek gie kull xahar u sottometta ruhu ghal diversi testijiet u kollha rrizultaw fin-negattiv ghal kull sustanza. Hu***

***kien dejjem cooperative u anki beda jitkellem fuq certu issues li ghandu jigifieri minn naha tieghi ma nsib l-ebda problema li nbiddel ir-rakkomandazzjoni li kont diga' tajt."***

Kwindi gjaldarba l-appellat issa jista' jibbenfika minn piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija effettiva, din il-Qorti tara illi qabel xejn ghandu jigi imhares l-aspett riformattiv tal-hati kif ukoll dak retributtiv billi huwa jikkontribwixxi bil-hila u s-sengha tieghu ghal xoghol fil-kommunita filwaqt li jinzamm taht sorveljanza minn Ufficjal tal-Probation.

Illi meta il-Qorti tigi biex titratta mieghu ghal ksur tal-Ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati bis-sentenza taghha tat-12 ta' April 2017, din il-Qorti tistqarr illi sabitha kemmxejn difficli taghmel dan billi kopja formali ta' din is-sentenza qatt ma giet esebita in atti. Issa ghalkemm l-Ewwel Qorti ghaddiet biex trattat ma'l-appellat ghal ksur infraskritt, madanakollu billi l-appellat ma iressaq l-ebda ilment in konnessjoni mad-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti fir-rigward, kwindi din il-Qorti hija prekluza milli tghaddi biex tonqos milli tqies l-aggravvju sollevat mill-Avukat Generali. Din il-Qorti ghalhekk hadet *judicial notice* ta' din id-decizjoni u issib illi anke il-fedina penali esebieta in atti ma tirriflettiex id-decizjoni moghtija fil-konfront tieghu billi bl-imsemmija decizjoni huwa gie misjub hati biss ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu f'dik il-kawza u cioe' dik tat-tentattiv ta'l-offiza gravi. Issa minn dik is-sentenza jirrizulta ukoll illi l-parti leza Samuel Camilleri irrinunzja ghal proceduri penali fil-konfront ta'l-appellat, imputat f'dik il-kawza. Qieset ukoll illi l-appellat kien irregistra ammissjoni ghal dina l-imputazzjoni u li ukoll gie illiberat mill-addebitu tar-recidiva. Qieset finalment illi billi l-akkuza kienet titratta t-tentattiv tar-reat u mhux ir-reat ikkunsmat din il-Qorti b'applikazzjoni ta'l-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali ghandha tapplika il-piena infraskritta fl-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali ta' tlett xhur prigunerija fil-minimu taghha imnaqqas bi grad fit-termini ta'l-artikolu 31(1)(c) u cioe' dik ta'l-ammedna ta' €50.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' l-appell in parte ta'l-Avukat Generali, tghaddi ghalhekk biex tikkonferma s-sentenza impunjata fejn din sabet lill-appellat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, tghaddi biex tirriforma l-piena inflitta billi wara li rat l-artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-appellat taht Ordni ta' Probation u Servizz b'dan illi l-Ordni ta' Probation ghandha tkun vigenti ghal zmien sentejn mill-lum filwaqt li l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita ghandha tkun dik ta' mitt siegha ta' xoghol. Finalment fir-rigward tal-ksur ta'l-Ordni ta' Liberta kondizzjonata imposta mill-Qorti tal-Magistrati bis-sentenza tat-12 ta' April 2016, tvarja ukoll il-piena inflitta billi tikkundannah ammenda ta' €50.

Twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perdurata ta'l-Ordni imposta fuqu illum jew jekk jonqos milli josserva xi kundizzjoni imposta fuqu fl-istess Ordni.

Edwina Grima

Imhallef